

Brussell, 28 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11736/21

AVIATION 235
FIN 678

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 15/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru matul il-pandemija tal-COVID-19: Id-drittijiet ewlenin mhumiex protetti minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni – Konklużjonijiet tal-Kunsill (28 ta' Settembru 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, intitolat "Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru matul il-pandemija tal-COVID-19: Id-drittijiet ewlenin mhumiex protetti minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni", kif approvati mill-Kunsill COMPET fil-laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Settembru 2021.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2021

tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

" Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru matul il-pandemija tal-COVID-19: id-drittijiet ewlenin mhumix protetti minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni "

IL-KUNSILL

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 15/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri " *Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru matul il-pandemija tal-COVID-19: id-drittijiet ewlenin mhumix protetti minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni*", rigward l-impatt tal-pandemija fuq id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru u r-rwol tal-Kummissjoni f'dan il-perijodu.
2. JIEĦU NOTA tal-approċċ dettaljat u komprensiv tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-valutazzjoni tal-impatt tal-pandemija fuq id-drittijiet tal-passiġġieri u l-miżuri meħuda mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti.
3. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 30/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri adottati mill-Kunsill fit-3675 laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Marzu 2019¹.
4. JENFASIZZA n-natura bla preċedent tal-pandemija u l-impatt enormi u sostnut fuq l-industrija tal-avjazzjoni u fuq id-dinja b'mod ġenerali.

¹ ST 6485/19

5. IFAKKAR fl-"Istudju dwar il-livell attwali ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru fl-UE" ppubblikat mill-Kummissjoni f'Jannar 2020² li tefa' dawl ġdid fuq is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri mill-proposta tal-Kummissjoni tal-2013³ 'l hawn b'hal pereżempju n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet biex jiġu indirizzati l-insolvenzi tal-linji tal-ajru fil-każ ta' passiġġieri ta' titjiriet biss.
6. IFAKKAR fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "It-turiżmu u t-trasport fl-2020 u lil hinn"⁴ u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/648⁵ tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-użu ta' vouchers u JENFASIZZA l-importanza tagħha peress li l-linji tal-ajru kienu qed jiffaċċjaw kriżi sinifikanti tal-likwidità.
7. JENFASIZZA li l-appoġġ finanzjarju għal-linji tal-ajru li qed isir possibbli skont ir-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-istat, kien essenzjali għas-sopravivenza tagħhom, u b'hekk ġie żgurat ir-rimborż ta' miljuni ta' passiġġieri li t-titjiriet tagħhom ġew ikkanċellati.
8. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar kif tista' ttejjeb l-istruttura attwali, abbażi tal-esperjenzi, in-nuqqasijiet u t-tagħlimiet meħuda u r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kif imħabbar fl-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti, maħruġa mill-Kummissjoni⁶.

² "Study on the current level of air passenger rights in the EU" (Studju dwar il-livell attwali ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru fl-UE), Rapport finali, Direttorat Ġenerali għall-Mobbilità u t-Trasport (Kummissjoni Ewropea), Steer, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020.

³ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru, fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom (COM/2013/0130 final).

⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - It-turiżmu u t-trasport fl-2020 u lil hinn (COM/2020/550 final).

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/648 tat-13 ta' Mejju 2020 dwar vouchers offruti lill-passiġġieri u lill-vjaġġaturi b'hal alternattiva għar-rimborż ta' pakketti tal-ivvjaġġar u servizzi tat-trasport ikkanċellati fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19. (ĠU L 151, 14.5.2020, p. 10).

⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Strateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti - inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur (COM/2020/789 final).

9. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar il-modi possibbli kif tista' tiżgura li l-passiġġieri jiġu ttrattati b'mod ugwali madwar l-UE u li l-passiġġieri jingħataw informazzjoni sabiex ikunu konxji tad-drittijiet tagħhom.
10. JILQA' l-isforzi kontinwi u għaddejjin mill-awtoritajiet tal-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u mill-Kummissjoni fin-network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur, kif ukoll il-Korpi Nazzjonali għall-Infurzar biex jiżguraw li t-trasportaturi tal-ajru u l-intermedjarji jieħdu azzjonijiet xierqa biex jirrimborżaw lill-passiġġieri li għadhom qed jistennew rimborż tal-biljetti jew tal-vawċers tagħhom.
11. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-koordinazzjoni mal-Istati Membri biex tiżgura li l-passiġġieri jirċievu informazzjoni f'waqtha u aġġornata rigward miżuri relatati mal-kriżijiet.
12. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, biex tirrifletti dwar soluzzjonijiet possibbli biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mal-insolvenzi tal-linji tal-ajru u l-involviment ta' intermedjarji kif enfasizzat ukoll fl-Istrateġija Komprensiva għal Mobilità Sostenibbli u Intelligenti⁷.
13. Fid-dawl tas-sitwazzjoni bla preċedent tal-pandemija, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar l-għodod possibbli li jistgħu jiżguraw id-drittijiet tal-passiġġieri fi kriżijiet futuri mhux mistennija, ikun xi jkun il-kobor tagħhom.

⁷ Ibid.